MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-28 ta' April, 2015

Rikors Numru. 264/2005/1

**Fl-atti tar-rikors numru**

**264/2005 NC fl-ismijiet :**

**Earli Limited (C8094) u Palico Limited (C9727)**

***kontra***

**Allied Projects Limited (C9313) u Safaco Limited (C15411)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li pprezentaw Earli Limited, Palico Limited (C9727) u Safaco Limited fis-17 ta` April 2015.

Rat il-provvediment illi tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta` Mejju 2005 fil-procediment fl-ismijiet premessi fejn ordnat ix-xoljiment u l-istralc ta` Allied Projects Limited (C9313) u hatret lil John Abela bhala stralcjarju.

Rat illi l-istralcjarju pprezenta r-rapport tieghu.

Rat il-kontenut tar-rapport tal-istralcjarju.

Rat l-atti l-ohra tal-procediment.

Rat l-Art 244 tal-Kap 386.

Billi hija sodisfatta li l-istralcjarju hares il-htigijiet kollha skond il-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, qeghda tehles lill-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien sebat (7) ijiem mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji avviz tal-helsien tal-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Rat l-Art 264 tal-Kap 386.

Billi kemm mir-rapport tal-istralcjarju, kif ukoll mill-kontenut tar-rikors tas-17 ta` April 2015, jirrizulta li l-affarijiet tal-kumpannija huma stralcjati.

U billi huma sodisfatti l-htigijiet tal-Art 244 tal-Kap 386, qeghda tordna li l-isem tal-kumpannija Allied Projects Limited (C9313) jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien sebat (7) ijiem mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` thassir tal-kumpannija Allied Projects Limited (C9313).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------